**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 3 ta` Frar 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**Sarah Borg**

**Kump. Nru1241/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Sarah Borg, ta' 26 sena, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 287586M,** giet akkuzata talli nhar il-5 ta` Novembru 2012 ghall-habta tas-18.15hrs, f'dawn il-Gzejjer u cioe' fi Triq Manuel Dimech kantuniera ma' Triq Rodolfu, Tas-Sliema waqt li kont qeghda ssuq vettura tal-ghamla Hyundai Tucson bin-numru tar-registrazzjoni SB, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jennifer Judith Oakley hekk kif iccertifikat minn Dr. Konrad Borg MD (med. Reg. No. 2631) tal-isptar Mater Dei.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-26 ta` Novembru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 4);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 3 ta' Frar 2016, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, u dana anki wara li inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-dokumenti prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra taghha giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. illi <u>mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm traskuragni fl-estrem tieghu</u> izda l-Qorti hija tal-fehema li kien hemm nuqqas ta` attenzjoni minn naha ta` l-imputata li kienet il-kagun ta` dan l-incident;
b. il-fatt li civilment il-mertu ta` dan il-kaz gie rizolt definittivament (ara verbal 03/02/2016);
c. l-ammissjoni bikrija ta` l-imputata, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Sarah Borg hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Sarah Borg bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu

ta` tmintax-il (18) xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Sarah Borg fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur